**Messagg mill-Prim Imhallef Mark Chetcuti fl-okkazzjoni tal-ftuh tas sena forseni, illum 1 ta' Ottubru 2020**

L-1 ta' Ottubru ta' kull sena jigi mfakkar mill-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u Ghawdex ghax hu l-jum li fih ufficjalment tibda s-sena tal-hidma tal-Qrati. Din is-sena l-pandemija li laqtet tista' tghid id-dinja kollha u lil Malta u Ghawdex gabet maghha hafna diffikultajiet u interruzzjonijiet fil-hajja normali. Ghalkemm kont konvint li l-ftuh ta-sena forensi ma setghetx tigi mfakkra bid-diskorsi formali li normalment isiru f'din l-okkazzjoni u fejn naqsam ma' kulhadd il-hsibijiet tieghi dwar dak li jolqot it-thaddim fil-prattika tal-principju fondamentali tas-saltna tad-dritt, hassejt xorta wahda li l-jum ghandu jigi mfakkar b'quddiesa fil-Konkatridral ta' San Gwann fejn il-kullegg tal-gudikatura, il-fraternita legali u l-amministrazzjoni tal-Qrati flimkien mal-oghla awtoritajiet tal-pajjiz naghtu gieh u qima lil Alla u nitolbuh izomm idu fuqna lkoll biex naqdu d-dmirijiet taghna b'gustizzja skont il-ligi bla biza' minn hadd u bla favur lejn hadd.

Billi ili biss ftit xhur fil-qadi tas-servizz fdat lili bhala Prim Imhallef u fi zmien fejn ir-ritmu tax-xoghol kellu jzomm il-pass mal-esigenzi tas-sahha li ghandha tigi l-ewwel u qabel kollox, minix ser ikun pruzuntuz u nippretendi li nista' nghaddi xi gudizzju studjat fuq il-pregji u difetti tas-sistema gudizjarja prezenti jew il-bzonnijiet u nuqqasijiet li hemm fis-sistema. Nista' nghid biss illi f'dawn ix-xhur sibt lil shabi gudikanti lesti li jkomplu jahdmu b'hilithom kollha u dan minkejja d-diffikultajiet li jsibu; sibt amministrazzjoni tal-Qrati li taghti iktar minn dak mistenni bl-ghodda ghad-dispozizzjoni taghha u Kamra tal-Avukati li dejjem lesta tghin biex il-magna gudizzjarja ma tistakkax.

Jiena nhoss li l-ikbar sfida ghall-Qrati fil-prezent hi d-dewmien fil-proceduri quddiem il-Qrati kollha ta' kull kompetenza. Minghajr dubju jehtieg li l-gudikant jirrispetta d-dinjita ta' kull min jidher quddiemu halli b'hekk huwa jikseb ir-rispett lura. Bl-agir tieghu genwin u korrett il-gudikant irid ikollu dixxiplina kbira mieghu innifsu. Irid ikun ippreparat kemm akkademikament izda jrid ikun ukoll prattiku jadopera case management serrat, irid ikun hafif u pront biex jisma' u jiddeciedi l-kawzi fl-iqsar zmien possibbli bla ma jaqa' pero fin-nassa tal-ghagla li biex ilahhaq man-numri huwa ma

jwettaqx il-gustizzja vera. Fi kliem iktar semplici jrid jaghti lilu nnifsu ghas-servizz tal-qadi tal-gustizzja. B’hekk il-gudikatura tikseb ir-rispett u dinjita li jisthoqqilha b’hafna sagrificcju personali u familjari. Pero l-isforz wahdu min-naha tal-gudikatura mhux bizzejjed. Fil-ftit xhur li ili f’din il-kariga hareg car illi hemm bzonn l-intervent legislattiv f’zieda ta’ gudikanti mhux biss minhabba l-volum tal-kawzi imma anke minhabba l-ispecjalizzazzjoni dejjem tikber fil-qasam ta’ certu kawzi. L-intervent legislattiv huwa mehtieg ukoll f’ligijiet. Hemm bzonn ta’ emendi ta’ ligijiet, kultant zghar, li jghinu ghal aktar heffa u tnehhija ta’ burokrazija procedurali zejda. Jehtieg ukoll illi l-gudikanti u l-amministrazzjoni jkollhom aktar ghajnuna fit-teknologija tal-informatika u support staff mghallem u addatat jahdem f’cirkostanzi ta’ pressjoni kwazi kontinwa. Fiducjuz illi bi sforz, id-dewmien zejjed u bla raguni valida jingheleb mhux f’hakka ta’ ghajn izda b’rizultati li minn sena ghall-ohra jixhdu dan l-ghan ambizjuz izda realistiku. Bil-perseveranza u rieda tajba ta’ kull parti konnessa mal-amministrazzjoni tal-gustizzja dan it-tragward jista’ jintlahaq.

Barra minn hekk jiena tal-hsieb ukoll illi l-Gvern flimkien mal-Universita ta’ Malta jikkunsidraw li jirrevdu l-kors tal-ligi biex dan johloq kors aktar specjalizzat ghal min jixtieq ikun avukat li jahdem fil-Qorti. Jidher li ghalkemm qed jilhqu hafna avukati kull sena, huma ftit biss dawk l-avukati li fl-ahhar mill-ahhar jaghzlu li jipprattikaw assidivament fil-Qrati. Diga hemm problema llum li fil-Qrati taghna hemm ftit avukati li jahdmu fil-Qorti u jekk din il-problema ma tigix indirizzata, fil-futur jista’ jkollha sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm ghazla ta’ avukati li jkunu lesti jahdmu l-Qorti u wisq anqas ghazla biex avukati li jipprattikaw alterament fil-Qorti jsiru gudikanti jew prosekuturi. B’zieda ma’ dan fil-qasam kriminali u kummercjali hemm nuqqas kbir ta’ persuni esperti li ghandhom il-hiliet necessarji biex jghinu lil gudikatura f’dawn l-oqsma partikolari jew li jaghzlu li jipprattikaw il-professjoni specjalizzata taghhom fil-qasam purament gudizjarju.

Naghlaq b’ringrazzjament lill-shabi membri tal-gudikatura, l-amministrazzjoni tal-Qrati, is-support staff kollu u l-avukatura li dejjem sibthom ta’ ghajnuna u sostenn f’pozizzjoni kostituzzjonali li qatt ma aspirajt ghaliha izda accettajt b’sens ta’ dover lejn l-Istat Malti. Il-weghda tieghi u ta’ kull gudikant hi li b’umilta naghmlu hilitna biex naqdu d-doveri taghna, mhux bil-kelma biss izda bl-ezempju f’xogholna, fis-servizz u qadi ta’ dmirijiet bla ebda distinzjoni jew eccezzjoni.